MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 108/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Hersey)**
**Vs**
**Malcolm Pace**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Jannar, 2005 u/jew fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, ippermetta lil Logan Wood isuq vettura tat-tip BMW bin-numru tar-registrazzjoni EAO 651 meta dan ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 t'April, 2005, li biha, wara li

rat l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu ghal multa ta' elf lira Maltin (LM1000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 t'April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell, thassar, tirrevoka, tikkancella w tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant hu li hu gie misjub hati w kkunndannat meta ma kien jaf xejn u li fizikament u oggettivament ma seta' jaghmel xejn. Dan kien gie konfermat minn Logan Wood u James Pace li l-appellant ma ntalabx il-permess biex Logan Wood isuq il-vettura . Lanqas ma kien il-kaz li l-appellant ippermetta lil-Logan Wood isuq . Terga dak in-nhar tal-incident l-appellant kien Ghawdex. Li skond l-artikolu 3 (1B) tal-Kap.104 "Tista tinghata eccezzjoni valida , fil-prosekuzzjoni ta' reat taht is-subartikolu (1), mill-akkuzat jekk ibib prova li r-reat ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li jkun ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li r-reat isir".**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2005;**

**Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni rrinunzjat ghax-xhud Logan Wood , li jinsab imsiefer,**

**Semghet it-trattazzjoni**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda tal-**Ispettur Raymond Cassar **jirrizulta li fid-9 ta' Jannar, 2005, ghall-habta tas-1.30pm, kien**

**gara incident fl-Ghadira fejn kienet wegghet persuna li kienet fil-perikolu tal-mewt minnhabba emoragija f' rasu. Il-Pulizija kien irrizultalha li l-vettura numru EAO 651 kienet misjuqa minn certu Logan Wood u din tajjret lil vittma li kien fuq rota. Irrizulta li din il-car kienet insured mall-Middle Sea u setghu isuquha Dr. Malcolm Pace u Dr. Margaret Heywood, li kienet mart hu l-appellant , Dr. James Pace. Irrizulta li Logan Wood kien il-*boyfriend* tat-tifla ta' hu l-appellant . Il-car kienet registrata fuq l-appellant wahdu .**

Brian Farrugia **xehed li l-vettura BMW 320 numru EAO-651 hija registrata fuq Dr. Malcom Pace, l-appellant u kien ilha hemm mit-23 ta' Jannar, 1990. Il-licenzja skadiet f' Mejju, 2005.**

L-appellant **xehed li hmistax il-sena ilu kien xtara l-car in kwistjoni fuq ismu ghal huh , illum Dr. James Pace, li dak iz-zmien kien ghadu minorenni. L-insurance cover kienet fuqu w seta' jsuq kullhadd . Din l-insurance umbaghad baqghet tithallas kull sena minn huh Dr. James Pace pero' kienet assikurata martu Dr. Margaret Heywood. Minn dak iz-zmien 'l hawn il-car dejjem kienet fil-pussess ta' huh u tkun ipparkjatha wara l-bieb tieghu. Milli sar jaf wara, huh Dr. James Pace kien qabbad lil Logan Wood isewwilu l-magna u dan hekk ghamel u hareg jippruvaha w gara l-incident. Hu din il-car qatt ma kien saqha.**

**In kontro-ezami, l-appelant xehed li minn indagni li saret wara l-incident sar jaf li l-insurance bi zball kienet saret fuqu, fuq huh u fuq Dr. Margaret Heywood u f' xi *renewal* minnhom din saret fuqu bhala *owner* u fuq Dr. Heywood.**

**Ikkonsidrat;**

**Li mill-prova mhux kontestata li ghamel l-appellant , jirrizulta li ma kienx hu li ppermetta lil Logan Wood isuq il-vettura in kwistjoni w li lanqas biss jaf li dan kien qed isuqha, jew li kienet f' idejh ghat-tiswija.**

**Wiehed irid jara jekk dan l-istat ta’ fatt wahdu jezonerax .**

**Illi bis-sub-artikolu (1B) gdid tal-artikolu 3 tal-Kap. 104, introdott bl-emendi li saru bl-Att XXX tas-sena 2002, wiehed jista’ jezonera ruhu mir-responsabbilta’ kriminali f’ kaz li jgib prova li r-reat ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li hu jkun ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix lir-reat isir.**

**Issa ma hemmx dubju li l-appellant ipprova l-ewwel rekwizit biex tista’ tigi milqugha tali eccezzjoni w cioe li hu ma kienx jaf li r-reat kien qed isir bis-sewqan ta’ Logan Wood. Wiehed irid pero’ jara jekk giex pruvat it-tieni rekwizit u cioe’ li hu kien ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix ir-reat isir.**

**Kif spjega l-appellant bil-gurament ghalkemm il-car kienet inxtrat minnu w giet registrata fuq ismu, kienu uzawha dejjem huh Dr. James Pace u martu, n-Nutar Dr. Margaret Heywood. Kienet regolarment assikurata w licenzjata, pero’ l-insurance kienet tkopri biss lilu, lil huh u lil martu, Dr. Heywood.**

**Issa ghalkemm wiehed jista’ forsi jikkumenta w jistaqsi ghala ladarba li l-vettura kienet ixtrat ghall-huh li kien ghadu minorenni, ma daritx fuq huh ladarba wara kien sar maggorenni, b’ daqshekk ma kienet inkisret ebda ligi . Pero’ b’ daqshekk ukoll l-appellant bhala r-“*registered owner*” kien baqa’ responsabbli ghal kull ma jigri lill-vettura. Pero’ din ir-responsabbilta’ ma hix wahda assoluta ta’ *“strict liability*” imma kif juri bic-car is-subartikolu (1B) fuq citat , hija wahda li tista’ tigi ribattuta.**

**Issir analogija ma ligi specjali ohra li tirrigwarda l-vetturi bil-mutur u precizament l-artikolu 40 tal-Kap.65, fejn hu provvdut li s-sid , f’ certi kazijiet ma jkunx responsabbli . Hekk dan l-artikolu 40 jiddisponi li :-**

"ebda persuna awtorizzata mis-sid ta' vettura li ssuq dik il-vettura m'ghandha, hlief f' kaz ta' bzonn, thalli lil haddiehor isuq dik il-vettura, minghajr il-kunsens tas-sid taghha, u hadd ma jista', hlief f' kaz ta' bzonn, isuq vettura minghajr il-kunsens tas-sid ta' dik il-vettura."

**Illi mill-kliem adoperat minn dan l-artikolu jidher li f' dan il-kaz hu l-appellant, Dr. James Pace u martu Dr. Margaret Heywood, li kienu awtorizzati mill-appellant biex isuqu l-vettura in kwistjoni, ma setghux jippermettu lil Logan Wood isuq il-vettura minghajr il-kunsens tal-appellant u li bil-fatt li huma ghamlu dan, setghu sahansitra kienu huma passibbli ghall-proceduri kriminali.**

**Ikkonsidrat,**

**Fid-dawl tal-ispjegazzjoni tac-cirkostanzi mhux kontestata moghtija mill-appellant, din il-Qorti thoss li l-appellant skarika l-obbligu tieghu, almenu sal-grad tal-probabbilta' rikjest minn kull persuna akkuzata b' reat kriminali, li hu kien ezercita d-diligenza mehtiega meta halla l-vettura tintuza minn persuni affidabbli bhal ma suppost kienu huh, l-avukat Dr. James Pace u martu n-Nutar Dr. Margaret Heywood, li wara kollox ghal hafna snin hadu hsieb ihallsu w igeddu l-assikurazzjoni w l-licenzja tal-vettura. Jekk dawn il-persuni affidabbli fdaw il-car f' idejn Logan Wood biex isewwiha ghax kienet qed tishom u dan qabad u hareg jippruvaha, ad insaputa tal-appellant u forsi ukoll tal-persuni fuq msemmija, l-appellant m'ghandux jirrispondi ghan-nuqqas taghhom. Ghalhekk jidher li ghandha tapplika l-eccezzjoni fuq imsemmija u li l-appellant ghandu jitqies li uza d-diligenza mehtiega biex ir-reat ma jsirx u, jekk sar, dan ma ghandux jirrspondi ghalih hu.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------